



2025/774

14.4.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/774

tal-14 ta' April 2025

li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/235/PESK tat-12 ta' April 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' April 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/235/PESK.
- (2) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2022 enfasizzaw li l-Unjoni rrifjutat bil-qawwa l-prattika tal-Iran tad-detenzjoni arbitrarja ta' ċittadini barranin, inkluż persuni b'nazzjonalità doppja, u appellat lill-Iran biex itemm il-prattika inkwetanti tad-detenzjoni ta' persuni ċivili barranin innoċenti bil-ħsieb li jikseb vantaġġi politiċi. L-Unjoni fakkret lill-Iran fl-obbligi internazzjonali tiegħu skont il-Konvenzjonijiet ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi u Konsulari u ħeġġet lill-awtoritajiet Iranjani biex jirrispettaw dawn l-obbligi.
- (3) Fl-20 ta' Frar 2023, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li fiha ddikjara li l-għadd dejjem jiżdied ta' ċittadini tal-Unjoni attwalment detenuti mill-Iran għal raġunijiet frivoli kien ta' tħassib kbir. Ħafna minn dawk iċ-ċittadini tal-Unjoni għadhom miżmuma f'kundizzjonijiet degradanti b'ebda possibbiltà ta' proċess ġust. Barra minn hekk, l-Unjoni appellat lill-Iran biex jirrispetta strettament l-obbligi internazzjonali tiegħu, b'mod partikolari skont il-Konvenzjonijiet ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi u Konsulari u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi li l-Iran huwa parti għalihom. Enfasizzat li l-politika segwita attwalment mill-Iran, inkluż ir-restrizzjonijiet imposti fuq l-aċċess konsulari għaċ-ċittadini tal-Istati Membri, iċ-ċaħda tal-protezzjoni konsulari u tad-dritt għal proċess ġust, għadha tikser direttament id-dritt internazzjonali. L-Unjoni tistenna li l-awtoritajiet Iranjani jiffaċilitaw l-eżerċizzju tal-funzjonijiet konsulari mill-Istati Membri kkonċernati billi jippermettulhom jikkomunikaw u jkollhom aċċess regolari għaċ-ċittadini tagħhom, kif meħtieġ skont id-dritt internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni ta' Vjenna tal-1963 dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari, li l-Iran huwa parti għaliha. Minħabba r-riskju akut għas-sigurtà personali taċ-ċittadini tagħhom, l-Istati Membri kienu rrakkomandaw liċ-ċittadini tagħhom, f'konformità mal-valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali rispettivi tagħhom, biex jevitaw li jivvjaġġaw lejn l-Iran, filwaqt li nfirmawhom li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kienu ser ikomplu jsewgu s-sitwazzjoni mill-qrib u jaġixxu kif xieraq.
- (4) F'dak il-kuntest, u f'konformità mal-impenn tal-Unjoni li tindirizza l-kwistjonijiet kollha ta' tħassib mal-Iran, fosthom is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, jenħtieġ li seba' persuni u żewġ entitajiet jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/235/PESK.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/235/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/235/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 100, 14.4.2011, p. 51, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2011/235/oj>.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi ..., l-14 ta' April 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

ANNEX

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni u entitajiet li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/235/PESK:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
"238.	HOWZAN Abbasali	Funzjoni: Imhalled tal-fergħa 36 tal-Qorti tal-Appell tal-Provinċja ta' Tehran Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel	Abbasali Howzan huwa Mhalled tal-fergħa 36 tal-Qorti tal-Appell tal-Provinċja ta' Tehran. F'din il-kariga, ikkonferma wara appell il-kundanni ta' bosta avversarji politiċi (inkluż dawk konnessi mal-protesti 'Nisa, Ħajja, Libertà'), attivisti, nisa li ma osservawx il-liġijiet Iranjani dwar il-ħiġab u persuni minn minoranzi reliġjużi, b'mod partikolari l-komunità Baha'i. F'diversi minn dawk il-każijiet, il-kundanni kienu bbażati fuq konfessjonijiet furzati miksuba taħt tortura u kienu riżultat ta' proċeduri mwettqa bi ksur tal-garanzija ta' proċess ġust. Għaldaqstant, Abbasali Howzan huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.4.2025
239.	FARZADI Hedayatollah	Funzjoni: Kap tal-Ħabs ta' Evin Post tat-twelid: Basht, Iran Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel	Hedayatollah Farzadi huwa l-Kap tal-Ħabs ta' Evin elenkat mill-UE. Huwa direttament responsabbli għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem ta' prigionieri politiċi, b'mod partikolari għar-restrizzjoni tad-drittijiet tagħhom ta' komunikazzjoni u żjarat, u għal ordnijiet arbitrarji ta' konfinament solitarju. Huwa responsabbli wkoll għad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tal-prigionieri politiċi. Barra minn hekk, il-Ħabs ta' Evin elenkat mill-UE huwa ċentru ta' detenzjoni fejn inżammu ostaġġi u prigionieri politiċi, u fejn fis-snin l-imgħoddija seħħew ripetutament abbużi gravi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura, ċaħda tad-drittijiet ta' komunikazzjoni, u ostruzzjoni tal-aċċess għall-kura medika. B'riżultat ta' dan, bl-involvement tiegħu fl-amministrazzjoni tal-Ħabs ta' Evin elenkat mill-UE, Hedayatollah Farzadi stess hu responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran u hu assoċjat ma' entità elenkata mill-UE responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.4.2025

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
240.	NEMATI Mehdi	Funzjoni: Kap tal-Fars Prisons Protection and Intelligence Department Nazżjonalità: Iranjana Sess: raġel	Mehdi Nemati ilu l-Kap tad-Dipartiment għall-Protezzjoni u l-Intelligence tal-Ħabsijiet ta' Fars mill-2018. Id-Dipartiment għall-Protezzjoni u l-Intelligence tal-Ħabsijiet ta' Fars huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tal-Ħabs Ċentrali ta' Shiraz elenkat mill-UE, fejn id-drittijiet tal-bniedem jinkisru sistematikament u fejn ġiet eżegwita l-piena tal-mewt lil bosta avversarji tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran. Diversi ostaġġi minn pajjiżi Ewropej kienu detenuti illegalment f'dan il-ħabs, fejn l-aċċess tagħhom għal proċess ġust kien miċħud u fejn ġarrbu ksur gravi tad-drittijiet l-aktar bażiċi tagħhom. Barra minn hekk, dan il-ħabs qed jipparteċipa fir-repressjoni ta' minoranzi etniċi u reliġjużi fin-Nofsinhar tal-Iran (inkluż Għarab, Kurdi, Baluċi, tribujiet seminomadi u Baha'i) permezz ta' eżekuzzjonijiet kważi sistematiki. Għaldaqstant, il-Ħabs Ċentrali ta' Shiraz huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran. Minħabba r-rwol tiegħu fl-amministrazzjoni tal-Ħabs Ċentrali ta' Shiraz elenkat mill-UE, li hu involut fil-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tad-detenuti, Mehdi Nemati hu assoċjat ma' entità responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.4.2025
241.	ZAREH Kamran	Funzjoni: Imħallef fil-Qorti tal-Appell ta' Shiraz Nazżjonalità: Iranjana Sess: raġel	Kamran Zareh huwa Mħallef fil-Qorti tal-Appell ta' Shiraz. Fir-rwol tiegħu, ta sentenzi ħorox b'mod sistematiku lil dissidenti paċifiċi, u b'hekk implimenta l-kampanja ta' repressjoni tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran kontra l-avversarji politiċi. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Appell ta' Shiraz ġiet implikata f'bosta każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tal-prosekuzzjoni ta' dissidenti politiċi u individwi minn komunitajiet minoritarji (b'mod partikolari l-komunità Baha'i). Għaldaqstant, bl-involvement tiegħu f'din il-qorti, Kamran Zareh hu responsabbli għal entità responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran u assoċjat magħha.	14.4.2025

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
242.	SADATI Sayyed Mahmood	Funzjoni: Imhalef fil-Qorti Rivoluzzjonarja ta' Shiraz Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Sayyed Sadati huwa Mhalef fil-Qorti Rivoluzzjonarja ta' Shiraz elenkata mill-UE. Fir-rwol tiegħu, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari konfessjonijiet furzati, ksur tal-garanziji ta' proċess ġust u t-twettiq ta' sentenzi tal-mewt, kontra attivisti, dissidenti politiċi u individwi minn komunitajiet minoritarji (b'mod partikolari l-komunità Baha'i). Barra minn hekk, ta sentenzi ħorox b'mod sistematiku lil dissidenti paċifiċi, u b'hekk implimenta l-kampanja ta' repressjoni tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran kontra l-avversarji politiċi. B'żieda ma' dan, il-Qorti Rivoluzzjonarja ta' Shiraz elenkata mill-UE hija implikata f'bosta każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Għaldaqstant, bl-involvement tiegħu fil-Qorti Rivoluzzjonarja ta' Shiraz, Sayyed Sadati hu responsabbli għal entità responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran u assoċjat magħha.	14.4.2025
243.	SALEHI Ali	Funzjoni: Prosekutur Pubbliku ta' Tehran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Ali Salehi huwa l-Prosekutur Pubbliku ta' Tehran. Fir-rwol tiegħu, ipparteċipa fil-prosekuzzjoni ta' diversi nisa talli rrifjutaw li jikkonformaw mal-liġi dwar l-ilbies obbligatorju tal-hijab, studenti u dimostranti. Ipparteċipa wkoll fl-għoti ta' sentenzi tal-mewt lill-priġunieri u l-implimentazzjoni ta' dawk is-sentenzi kif ukoll l-awtorizzazzjoni tal-użu ta' prattiki ta' tortura kontra priġunieri. Għaldaqstant, Ali Salehi huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.4.2025
244.	KHOSRAVANI Mohammad	Funzjoni: Prosekutur Speċjali tal-Qorti Rivoluzzjonarja ta' Shiraz Data tat-twelid: 16.9.1980 Post tat-twelid: Shiraz, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Nru tal-identità nazzjonali: 2296246941 (Iran) Nru taċ-ċertifikat tat-twelid: 1565 Nru tas-serje taċ-ċertifikat tat-twelid: 225889221	Mohammad Khosravani huwa l-Prosekutur Speċjali tal-Qorti Rivoluzzjonarja ta' Shiraz. F'din il-kariga, kien responsabbli għal bosta każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u implikat fihom. Dawn il-każijiet jikkonċernaw dissidenti politiċi, membri ta' gruppi minoritarji u diversi individwi oħra. Wettaq direttament koerċizzjoni u pressjoni fuq detenuti, kiser id-drittijiet tad-difensuri u ssorvelja arresti arbitrari. L-azzjonijiet tiegħu kienu parti mir-raġuni għala l-Qorti Rivoluzzjonarja ta' Shiraz kisbet in-notorjetà għal sentenzi inġusti u ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Għaldaqstant, Mohammad Khosravani huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.4.2025";

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
“44.	Shiraz Central Prison (magħruf ukoll bħala Adel Abad Prison)	Tip ta' entità: Ħabs Post tar-reġistrazzjoni: Shiraz, provinċja ta' Fars, Iran	Il-Ħabs Ċentrali ta' Shiraz, Adel Abad, li jinsab f'Shiraz, fil-provinċja ta' Fars, l-Iran, huwa ħabs fejn id-drittijiet tal-bniedem tad-detenuti jinkisru sistematikament u fejn twettqet il-piena tal-mewt fuq bosta avversarji tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, inkluż abbażi ta' piena kollettiva. Diversi ostaġġi minn pajjiżi Ewropej kienu detenuti illegalment f'dan il-ħabs, fejn l-aċċess tagħhom għal proċess ġust kien miċħud u fejn ġarrbu ksur gravi tad-drittijiet l-aktar bażiċi tagħhom. Barra minn hekk, dan il-ħabs qed jipparteċipa fir-repressjoni ta' minoranzi etniċi u reliġjużi fin-Nofsinhar tal-Iran (inkluż Għarab, Kurdi, Baluċi, tribujiet seminomadi u Baha'i) permezz ta' eżekuzzjonijiet kważi sistematiki.	14.4.2025
45.	1st branch of the Revolutionary Court of Shiraz	Tip ta' entità: Ħabs Post tar-reġistrazzjoni: Shiraz, provinċja ta' Fars, Iran	L-ewwel ferġha tal-Qorti Rivoluzzjonarja ta' Shiraz, li tinsab fil-provinċja ta' Fars, l-Iran, kienet implikata f'bosta każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, li jikkonċernaw b'mod partikolari l-proċessi inġusti u l-eżekuzzjonijiet ta' dissidenti politiċi u l-persekuzzjoni ta' individwi minn komunitajiet minoritarji (b'mod partikolari l-komunità Baha'i). Dawn l-azzjonijiet jissottolinjaw ir-rwol tal-qorti fil-perpetwazzjoni tal-ksur sistemiku tad-drittijiet tal-bniedem, bl-użu tal-ġudikatura bħala strument ta' repressjoni politika u soppressjoni tad-dissens politiku u l-komunitajiet minoritarji fl-Iran.	14.4.2025”.